MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 427/2013

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet zzewgu fit- 13 ta’ Ottubru 2001, fil-knisja ta’ San Frangisk, Birkirkara skond kif jidher fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat dokument A u minn dan iz-zwieg kellhom tifel Leyton li llum ghandu 10 snin.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma xulxin mit-8 ta’ Ottubru 2008 kif jidher fil-kuntratt ta’ separazzjoni ppublikat minn Nutar Dottor Rueben Debono li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkata dokument B.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarrra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra C D ffurmat rabta ma persuna ohra u ghandha familja gdida.

Illi ma hemm ebda manteniment dovut f'dan l-istadju bejn il-partijiet stante li fil-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq referit il-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin u fir-rigward tal-minuri Leyton ir-ragel kien dejjem puntwali, kif ghadu fil-hlas tal-manteniment miftiehem li ghandu jhallas lill-mara ghan-nom tal-minuri kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb  tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbu sabiex li din il-Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk min din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku skond il-ligi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Settembru 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti A B;

Semghet lir-rikorrenti C D tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-8 ta' Ottubru, 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------